## 20 Sena ta' Scouting f'Sta. Venera

Ghoxrin sena ilu sar avveniment importanti go Sta. Venera! Twaqqaf Scout Group fil-Mount Carmel College. Kien Patri Renato Valente li ha l-inizjattiva biex sar dan, u dak il-Group huwa llum wiehed mill-ghaqdiet importanti ta' Sta. Venera. Dawn l-ghoxrin sena kienu snin ta', kultant success, u kultant problemi, imma bis-sahha tad-determinazzjoni tal-membri Scouts, dawn id-diffikultajiet gew solvuti u b'hekk il-Group ghadu hawn maghna jaghti s-servizz tieghu. Illum il-Group ha l-isem ta' St. Venera Scout Group biex izjed jiddentifika ruhu mal-komunita' Vendriza u rrid nghid li l-Vendrizi qeghdin japprezzaw izjed il-bzonn u l-valur tat-trobbija li jaghti l-Moviment tal-Iscouts. Il-Group qieghed kull ma jmur jikber fin-numru u dan huwa sinjal tajjeb ghaz-zghazagh Vendrizi. Dan iwieghed futur nadif u b'sahhtu ghall-komunita' Vendriza kollha.

Min ma semax bl-Iscouts fl-10 ta' Frar li ghadda? Dak in-nhar il-Group ghalaq l-ghoxrin sena mit-twaqqif tieghu. Kien hemm b'kollox mal-450 scout, u erba' baned, go Sta. Venera. Sta. Venera qatt ma rat daqshekk Scouts. Il-Groups prezenti kienu minn Attard, Birkirkara, Dingli, Hamrun, Lyceum, Rabat, San Alwigi u Qormi. Group wiehed biss ma kienx prezenti, dak tal-Valletta, ghax hu kellu attivita' fil-lokal tieghu. Dawn huma l-Groups li jiffurmaw is-Central District. Sta. Venera hija wahda mit-32 lokalitajiet ixxurtjati f'Malta u Ghawdex li ghandhom Scout Group u li hu attrezzat tajjeb bil-bzonnijiet kollha. Mhux hekk biss imma wkoll dan il-Group huwa wiehed mill-ftit armati tajjeb b'banda li kellkom ic-cans taraw iddoqq hafna drabi.

Is-sitwazzjoni fil-Group illum hija li qieghed jerga', tista' tghid, jinbena mill-gdid bhala membri. Kollha tinnutaw li hemm nuqqas ta' tfal fit-Troop (11-15 il-sena) u din tista' tkun problema 'l quddiem fil-forma ta' nuqqas ta' *Leaders.* Imma li jaghmlilna kuragg huwa l-hegga li ghandhom il-Cubs. Dawn zgur se jkollhom sehem kbir mit-tigdid tal-Group. Problema ohra hija il-kwartieri taghna. Huwa l-iskop taghna li nidhlu ghall-bini ta' kwartieri godda. Din hija sfida mhux biss ghall-Group imma wkoll ghall-komunita' kollha ta' Sta. Venera. Il-Group lest li jidhol ghal dan il-progett ghax jaf li Sta. Venera lesta li tghin biex din il-holma ssir realta'. Iz-zghazagh Vendrizi ghandhom bzonn, u jisthoqqilhom, Scout Group b'sahhtu biex ikun jista' jkun ta' servizz aktar ghalihom.



**1984 - Il-Banda waqt Kamp tas-sajf f'Bahar ic-Caghaq**

Imma issa rrid nikteb xi haga fuq l-istorja u l-organizazzjoni tal-Moviment. l-Iscouts gew imwaqqfa fis-sena 1907 minn Lord Baden Powell, wara li kiteb il-ktieb *Scouting for boys*. L-ghan tieghu kien li jaghti opportinita' lit-tfal ta' dak iz-zmien jitghallmu jghixu l-avventura ta' barra d-dar billi jkunu jistghu jmorru kampijiet u *hikes* mal-*leaders* taghhom. B.P., (kif kien imsejjah Lord Baden Powell minn l-is*kills* li hemm bzonn biex

*tkompli minn pagna 83*

wiehed jghix fin-natura u fil-foresti 'l boghod mid-dar. Ahna nafu kemm it-tfal tal-lum jhobbu jilaghbu barra, specjalment fil-haxix u fil-ftit ghelieqi li fadal madwarna hawn Malta. It-tfal ta' dawk iz-zminijiet hatfu din l-idea u bdew jiffurmaw gruppi ta' *Scouts* madwar l-Ingiltera kollha u f'kemm ili nghidlek il-pajjiz imtela bi gruppi ta'-*Scouts*. Hawn Malta konna ta' l-ewwel li ffurmajna dawn l-Iscout Groups, fil-fatt dan kien fis-sena 1908, sena biss wara li bdew fir-Renju Unit u ghalhekk taghna hija l-eqdem Assocjazzjoni barra dak il-pajjiz. Mas-snin dan il-Moviment kiber u nfirex mad-dinja kollha u nfethu taqsimiet godda fi hdan dawn il-*Groups*.

Scout Group huwa maghmul minn tlett sezzjonijiet u dan sabiex jiehdu hsieb subien ta' etajiet differenti minn madwar tmin snin sa madwar wiehed u ghoxrin sena. Il-Group taghna ghandu dawn is-sezzjonijiet kollha li huma il-*Cub Scouts* (8-11-il sena), Scouts (11-16-il sena) u l-*Venture Scouts* (minn 16-il sena 'l fuq). U issa qeghdin nahsbu biex niffurmaw il-*Beaver Section*, subien minn 6-8 snin. Kull sezzjoni ghandha l-*Leader* taghha u torganizza kull xorta ta' attivitajiet sewwa gewwa kif ukoll barra.

Kull membru ta' *Scout Group* huwa fid-dover li jobdi l-Ligi ta' l-Iscouts u li josserva il-weghda ta' l-Iscouts. L-iskop ewlieni tal-Moviment huwa li juri lit-tfal kif ikunu cittadini tajbin u kif ikunu ta' karattru sod. Ahna l-genituri lkoll nifhmu l-importanza ta' dan fid-dinja ta' llum ghax nafu li mhux dejjem nistghu nkunu maghhom, u b'hekk huwa mportanti li t-tfal taghna jkunu jaghrfu jfendu ghal rashom u ppreparati ghal kollox. Fil-fatt dan hu l-motto ta' kull *Scout*, 'KUN LEST'.

**Mario Calleja**
**Group Scout Leader**


**CERAMIC TILES CENTRE**

*New selection of Floor and Wall Tiles*

- RONDINE
- EDIMAX
- CASALGRANDE
- S. SALVATORE
- HILTON
- H & R JOHNSON

**VALENTINO BROS**

*NEW STREET OFF QORMI ROAD, ST. VENERA*
*TELEPHONE 484133, 441915*

OPEN DAILY — MON TO FRI 7.30 – 13.00
SAT 7.30 – 12.00